# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/212/PESK

## tat-23 ta' April 2012

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK [1].

(2) Jeħtieġ li tiġi inkluża deroga għall-iffriżar ta' assi fid-Deċiżjoni 2010/639/PESK sabiex jiġi żgurat li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu jistgħu jiġu rilaxxati jew isiru disponibbli għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi jew konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet skont il-liġi internazzjonali.

(3) Id-Deċiżjoni 2010/639/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 3(1) tad-Deċizjoni 2010/639/PESK, jiżdied il-punt li ġej:

"(e) biex jitħallsu fi jew jinħargu minn, kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsubin biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' April 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

[1] ĠU L 280, 26.10.2010, p. 18.